Fil-Jum

illi Mons. **MIKIEL GONZI**

kien ikkunsagrat Isqof ġdid ta' Għawdex u mexxa l-proċessjoni ta' San Ġużepp, Titolar tal-Knisja tal-Kalkara, fejn twieled.

13 ta' Lulju 1924.

---

Bil-qiegħda fuq xtajta xemxija tal-baħar
Fil-mera ta' l-ilma jirtogħdu ġenbejk,
Ja sbejħa Kalkara, qum, ilbes, u ftaħar :
Il-hena ta' qalbek ħa' jfur minn għajnejk.

Isimgħu fuq rasek x'imewweġ il-ħabar
Tal-Għid illi bħalu la ħlomt u la xtaqt:
Il-Knisja mhejjija tistiednek; inġabar:
Lis-Sema li ħabbek rodd ħajr f'dan il-waqt,

Fil-jum illi fuqek bid-daħka tal-ħlewwa
Ihares Ġużeppi mill-ogħla smewwiet,
U minnek ibiegħed tal-Għadu kull dnewwa,
U qalbek iħeġġeġ b'imqaddsa ġibdiet,

Żagħżugħ fost uliedek, ħabrieki, qalbieni,
Imżejjen bil-għaqal, bit-tjieba, bil-gieh
Bħaċ-ċkejken Davidde, ġie mqiegħed ewlieni,
Magħżul mill-kbir Alla għal Sehem sabiħ.

Fil-gżira li tħaddar tewmija ma' tagħna,
Hemm merħla tistenna il-faraġ, il-ferħ :
Lil Ibnek issejjaħ : Ragħaj ieqaf magħna,
Sa kemm m'intix fostna la hena u la serħ.

Lil dan l-Iben tiegħek li ħabbek, li faħħrek,
Li miegħek itgħannaq sa l-aħħar sigħat,
Flimkien ma' Ġużeppi taħt sema li jsaħħrek
Dalwaqt tarah miexi ma' l-isbaħ triqat.

Bil-qiegħda fuq xtajta xemxija tal-baħar
Fil-mera ta' l-ilma jirtogħdu ġenbejk,
Ja sbejħa Kalkara, qum, ilbes, u ftaħar :
Il-hena ta' qalbek ħa' jfur minn għajnejk.

**Dun Karm**

*Tagħrifa*—Bħal ma hemm imħabbar fir-Ras, din il-poeżija ellha toħroġ fit-13 ta' Lulju 1924; iżda billi l-Konsagrazzjoni ' Mons. Gonzi ma setgħetx issir dak-in-nhar, dawn il-versi a dehrux.

# NAGĦMLU L-ĠID

Ebda bniedem ma jista' jgħid : irrid nagħmel ġid, iżda ma nistâx jew inkella: Ma nafx !

Dan ħadd ma jista' jgħidu !

U l-iktar li jista' jsir ġid, bla xejn biża' bil-kitba.

Jista' wkoll isir ġid bil-kliem, iżda l-inqas tista' xxebbah in-nida max-xita! Il-kliem jintesa, iżda l-kitba lê ! Għax il-Qawl igħid; "*Il-miktub mhux maħrub.*"

Mela, nithejjew biex f'dan "*Il-Malti*" niktbu biex ngħallmu lil ħutna, l-ewwelnett l-imġieba t-tajba li minn din jiġu l-għerf, it-tjieba u r-rażna, li dawn huma l-qofol tal-ġid sew lilna, kif ukoll lil għajrna.

Inbagħad inqisu li fil-kitba tagħna, natu d-dawl fuq kull ma jinħtieġ, fuq kollox f'dak li jmiss lid-Dîn biex Alla jbierek il-ħidma tagħna, u fuq dak li jinħtieġ għal ġid ta' ħutna fil-ġisem, billi niktbulhom fuq biedja u snajja, biex fil-"*Il-Malti*", il-qarrejja jsibu dak li tixtieq qalbhom, kullħadd fuq hiex hu mixħut.

Nixtieq li kliemi jseħħ għal ġid ta' l-aħwa kollha.

Inselli għalik, Sur Direttur, u mill-ftit li naf u li nista' ngħinek bid-dgħajfa ħila tiegħi bil-kitba, bħal ma tlabtni, għad illi għaċ-ċokon tiegħi ma kienx jistħoqqli. Il-Qaddej tiegħek ta' Baħar iċ-Ċagħaq.

**Karmnu Sant.**